# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 10 |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 10 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-10 | 10 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 11 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 15 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l- Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 ([1]). Is-sena finanzjarja 2003 kienet l-ewwel li fiha l-Aġenzija attwalment bdiet twettaq l-attivitajiet ta' xogħol tagħha. Il-kompiti ta' l-Aġenzija huma sabiex iżżomm livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, sabiex tassigura l-funzjoni u żvilupp tajjeb tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, sabiex twaqqaf speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni u tipprovdi ċertifikazzjoni ta' prodotti aeronawtiki. *Tabella 1* tagħti sommarju tal-poteri u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija bbażati fuq informazzjoni mogħtija minnha.

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali għall-esekuzzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 49 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002, il-baġit ġie implimentat fuq ir-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali ([3]) skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 52 ta' l-istess regolament. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija mistennija taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea sabiex teżamina dawn il-kontijiet.

4. Il-Qorti għamlet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u standards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunita'. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il kuntest.

5. Għaldaqshekk il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 tidher f'*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u n-nefqa u l-karta ta' bilanċ ta' l-Agenzija għas-sena finanzjarja 2003 jidhru sommarjament f'*Tabelli 3 u 4*.

7. Id-Direttur Esekuttiv, li huwa l-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni, għandu wkoll is-saħħa li jiffirma struzzjonijiet bankarji. Dan huwa kontra l-Artikolu 37 tar-Regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija.

8. L-Artikolu 43(1)(e) tar-Regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija jgħid li l-uffiċjal ta' kontabilita' għandu jivvalida s-sistemi mniżżla mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni sabiex jissupplixxi jew jiġġustifika informazzjoni dwar kontabilita'. Din il-validazzjoni ma ssirx matul is-sena.

9. Eżaminazzjoni tal-fajls ta' reklutaġġ urew li kien fihom nuqqasijiet formali u li xi dokumenti kienu nieqsa. B'idea ta' l-ammont tar-reklutġġ imbassar bejn issa u l-2006 (bejn wieħed u ieħor 300 persuna), passi jridu jittieħdu sabiex tiġi assigurata konformita' mtejjba mad-dispożizzjonijiet regolatorji.

10. Analiżi ta' l-ambjent ta' kontroll tas-sistema tal-kompjuter uriet li hija għandha bżonn tisħiħ minn qabel iż-żieda mbassra fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tagħha tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Mill-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 240, tas-7.9.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

([3]) Skond l-Artikolu 83 (3) tar-Regolament finanzjarju l-Aġenzija, il-kontijiet aħharija għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fil-31 ta' Marzu 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-20 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

*Tabella 1*

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (kwartieri ġenerali fi Brussell, rilokazzjoni pjanata għal Cologne)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat | Kompetenza ta' l-Aġenzija (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002) | | Awtorita' | Riżorsi disponsibbli għall-Aġenzija fl-2003 | Prodotti u servizzi mogħtija matul is-sena finanzjarja 2003 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Politika ta' trasport komuni** | **Miri** | **Kompiti** | 1 **Bord ta' Tmexxija** | ***Baġit* finali** | **Numru ta' kompiti mogħtija:** 2 |
| "Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi jekk safejn u b'liema proċedura disposizzjonijiet opportuni jistgħux jiġu addottati għat-traffiku fil-baħar u bl-ajru."<br><br>*(Artikolu 80 tat-Trattat)* | Sabiex iżżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa<br><br>Sabiex tassigura l-funzjoni u l-iżvilupp tajjeb tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili<br><br>Sabiex tiffaċilita l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni u servizzi<br><br>Sabiex tippromwovi effiċjenza fl-infiq fil-proċessi ta' regolatorji u ta' ċertifikazzjoni u sabiex jiġi evitat duplikazzjoni fuq livell nazzjonali u Ewropew | — Sabiex toħroġ opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni<br><br>— Sabiex toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni tal-politika Komunitarja<br><br>— Sabiex tipprovdi ċertifikazzjoni ta' kwalita' fl-ajru u ambjentali ta' prodotti aeronawtiki<br><br>— Sabiex twettaq spezzjonijiet fil-Pajjiżi Membri i rigward konformita' mar-regoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili kif imniżżla mill-Aġenzija<br><br>— Sabiex twettaq l-investigazzjonijiet neċessarji fil-kumpaniji<br><br>— Sabiex twettaq, f'isem il-Pajjiżi Membri, funzjonijiet u kompiti mogħtija lilhom taħt Konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli, b'mod partikolari il-Konvenzjoni ta' Chicago (Konvenzjoni dwar Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944) | *Kompożizzjoni*<br><br>Rappreżentant ta' kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni<br><br>*Dmirijiet*<br><br>— Sabiex jadottaw il-programm ta' xogħol u jaraw l-implimetazzjoni tiegħu<br><br>— Sabiex jadottaw linji ta' gwida għall-allokazzjoni ta' kompiti ta' ċertifikazzjoni lill-Istati Membri jew entitajiet kwalifikati<br><br>— Sabiex iwaqqfu korp ta' konsulta ta' partijiet interessati<br><br>2 **Direttur Esekuttiv**<br><br>Appuntat mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.<br><br>3 **Bordijiet ta' Appell**<br><br>4 **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri<br><br>5 **Awtorita' ta' Approvazzjoni**<br><br>Il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill | 4,75 miljun euro. Kontribuzzjoni Komunitarja: 100 %<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:**<br><br>Numru ta' postijiet fil-pjan ta' twaqqif: 80<br><br>Postijiet okkupati: 1<br><br>Persunal ieħor: 16 (kuntratti awżiljarji)<br><br>*Persunal totali:* 17<br><br>Assenjati lid-dmirijiet li ġejjin:<br><br>operattivi: 1<br><br>amministrattivi: 4<br><br>varji: 12 | **Numru ta' speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' gwida:** 19<br><br>**Deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni:** 2 132 (1 606 relatati ma' modifikazzjonijiet minuri)<br><br>**Spezzjonijiet:** xejn<br><br>**Investigazzjonijiet:** xejn |

*Source:* Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | |
| | | | | reġistrati | impenjati | imħallsa | trasferiti | kanċellati |
| Sussidji Komunitarji | 4,7 | 3,7 | Titolu I Persunal | 0,9 | 0,7 | 0,7 | 0,0 | 0,2 |
| Sussidji oħra | — | — | Titolu II Amministrazzjoni | 0,8 | 0,5 | 0,1 | 0,4 | 0,3 |
| Dħul ieħor | — | — | Titolu III Nefqa ta' xogħol | 3,0 | 2,7 | 0,2 | 2,5 | 0,3 |
| **Total** | 4,7 | 3,7 | **Total** | 4,7 | 3,9 | 1,0 | 2,9 | 0,8 |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 3*

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni — Kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2003**

*(1 000 euro)*

| | 2003 |
|---|---|
| **Dħul** | |
| Sussidji mill-Kummissjoni | 3 725 |
| **Dħul totali (a)** | **3 725** |
| **Nefqa** | |
| *Persunal — Titolu I tal-baġit* | |
| Ħlasijiet | 680 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 27 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | |
| Ħlasijiet | 153 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 396 |
| *Nefqa ta' xogħol — Titolu III tal-baġit* | |
| Ħlasijiet | 197 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 2 486 |
| **Nefqa totali (b)** | **3 939** |
| **Kwantita' maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **– 214** |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

*Tabella 4*

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003**

*(1 000 euro)*

| Assi | 2003 | Dejn | 2003 |
|---|---|---|---|
| **Assi fissi** | | **Kapital fiss** | |
| Assi intanġibbli | 10 | Kapital proprju | 16 |
| *Software* tal-kompjuter | 11 | Bilanċ għas-sena finanzjarja | – 214 |
| Deprezzament | – 5 | *Subtotal* | *– 198* |
| *Subtotal* | *16* | **Dejn kurrenti** | |
| **Assi kurrenti** | | Kummissjoni | 8 |
| Avvanzi oħra | 5 | Trasferimenti awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet | 2 909 |
| Kontijiet varji riċevibbli | 1 | Kontijiet varji li jridu jitħallsu | 18 |
| *Subtotal* | *6* | Tnaqqis mis-salarji | 12 |
| **Kontijiet ta' flus** | | *Subtotal* | *2 947* |
| Kontijiet bankarji u flus | 2 727 | | |
| *Subtotal* | *2 727* | | |
| **Total** | **2 749** | **Total** | **2 749** |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

## THE AGENCY'S REPLIES

7. Until the end of 2003, the Executive Director was the Agency's only temporary staff member. In practice, he signed banking transactions alongside the accountant. Other temporary staff have been hired during the second half of 2004, eliminating this incompatibility.

8. The financial systems were validated by the accountant at the beginning of February 2004. A computer system for managing fixed assets, to be implemented by the authorising officer, is currently being acquired and will be validated at a later stage.

9. The shortcomings identified by the Court are related to the fact that the Agency was in its start-up phase. A Human Resources department with a special recruitment unit was set up in February 2004. It has already implemented procedures and tools. The Agency is considering setting up a computerised recruitment management system as of January 2005.

10. The fact that the Agency is based on the premises of the Commission has had a major impact on its IT environment. The Agency will move to its new premises in Cologne in November 2004, which will lead to a considerable improvement in its IT environment and the implementation of a new computer architecture.